MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 54/1996/1

**Cini (Tal-Mija) Ltd**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis LL.D. bhala s-sid tan-negozju Southern Fried Chicken**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta attrici fil-25 ta' Settembru 1996 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u tmintax-il lira Maltija u sittin centezmu

(Lm618.60) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ tigieg mibjugha u konsenjati.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li:-

1. Il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex mhux direttament il-proprjetarju tan-negozju Southern Fried Chicken izda hu biss azzjonist minoritarju ta’ socjeta’ kummercjali li tiggestixxi l-imsemmi negozju; ghalhekk l-azzjoni odjerna kellha tigi intavolata kontra l-istess socjeta’.
2. Illi hi s-socjeta attrici li ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta’ hamsin lira Maltija flimkien ma’ l-imghax kummercjali mid-data tas-sentenza u dana ghall-assistenza li pprestalha f’kaz quddiem it-tribunali industrijali.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fl-10 ta’ Novembru 1998[1] li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba sovrafatturazzjoni li twettqet b’mod regulari u sistematiku mis-socjeta attrici kif ukoll minhabba kunsinni ripetuti ta’ tigieg ta’ grad inferjuri u li ma kienx tal-kwalita pattwita.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

[1] Fol. 30.

Ikkunsidrat:-

1. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut hi li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex in-negozju Southern Fried Chicken hu tal-kumpannija Scarlet Company Limited. Mill-provi rrizulta li:

(a) Din il-kumpannija kienet registrata fit-2 ta' Gunju 1986 u l-konvenut kien direttur u anke azzjonist fiha;
(b) Il-kumpannija ghandha bhala skop (fost'ohrajn) "to run catering establishments, to provide catering services under any description whatsoever and to undertake the provision of complementary services" (fol. 52);
(c) Il-kumpannija kellha negozju bl-isem Southern Fried Chicken u skond il-konvenut "d-day to day running tan-negozju ien f'idejja, u hija Anthony" (seduta tas-7 ta' Mejju 2007). Dan kien hanut hekk imsejjah fast food li jbiegh it-tigieg.
(d) B'sehh mill-bidu ta' Frar 1994 is-socjeta attrici bdiet tbiegh merkanzija. Jidher li l-ftehim kien sar mal-konvenut. In kontro-ezami l-konvenut xehed li dakinhar li kien sar il-ftehim biex il-kumpannija attrici tibda tissupplixxi l-merkanzija, "issa kwazi cert illi Charles Saliba kien mieghi dakinhar. Jiena ma niftakarx jekk dakinhar qghadt insemmi lil Cini l-kumpannija Scarlet Company Limited. Pero' Cini zgur li kien jaf biha din il-kumpannija, ghaliex anki ricevuti ta' hlas hareg f'isem din il-kumpannija" (seduta tas-7 ta' Mejju 2007). Min-naha tieghu Joseph Cini (ghan-nom tas-socjeta attrici) xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 1997 li "meta nfetah il-hanut ix-Xlendi kien gie jkellimni l-konvenut u persuna ohra" (fol. 19). Fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004 xehed li "il-kont kien infetah inizjalment billi kienu gew ikellmuni sia Dottor Joseph Ellis u huh Anton. Mistoqsi kontx inghatajt xi dettalji partikolari nghid li le, xejn".

(e) L-istatement mahrug fis-17 ta' Settembru 1996 huwa ndirizzat lil Southern Fried Chicken (fol. 3-10). L-istess huma d-diversi invoices li hemm ezebiti fl-atti (fol. 95 – 133);

(f) Dan in-negozju ilu snin twal li waqaf (ara xhieda ta' Anthony Ellis fis-seduta tal-25 ta' April 2007). Il-Qorti fehemet li llum il-gurnata din il-kumpannija zarmat min-negozju u m'ghandix mezzi finanzjarji biex thallas id-dejn.

(g) Fl-atti hemm ezebiti diversi cekkijiet ta' hlas akkont li sar mill-kumpannija Scarlet Co Ltd lis-socjeta attrici (ara fol. 41). Hemm ukoll ricevuta wahda mahruga mis-socjeta attrici f'isem Scarlet Co Ltd (fol. 47) u datata 24 ta' Awwissu 1994.

(h) Kien hemm xi ordnijiet li kienu jsiru minn omm il-konvenut; "Mistoqsi jekk l-ordnijiet kienux limitati biss ghan-negozju li kelli u li kont niggestixxi dak iz-zmien jew kienux ordnijiet privati, jiena nahseb li gie li saret xi ordni min-naha tal-mama tieghi…." (il-konvenut a fol. 53).

2. Il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor (Ara sentenza Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Zammit vs Rev. N.Okereke 13 ta' Lulju 1991 u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet E. Borg et noe vs R. Schembri deciza fit-28 ta' Mejju, 1973). Mehud in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li meta sar il-ftehim il-konvenut kien ghamilha cara li huwa kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpannija Scarlet Co Limited u li n-negozju kien qieghed isir ma' din il-kumpannija. Anke l-invoices kienu jinhargu f'isem Southern Fried Chicken. Mill-provi ma rrizultax li qatt ingibdet l-attenzjoni tas-socjeta attrici li l-klijent kienet il-kumpannija

Scarlet Co Limited. Anthony Ellis, hu l-konvenut, xehed li "fil-hanut kont ninzel kuljum. Kont ukoll narahom l-invoices li johrog is-sur Cini, anzi jien kont nigborhom l-invoices" (seduta tal-25 ta' April 2007). Huwa minnu li hemm diversi hlasijiet li saru permezz ta' cekk mahrug minn din il-kumpannija, pero' dan il-fatt wahdu ma jistax iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-ftehim kien sar f'isem din il-kumpannija. Huwa maghruf li terza persuna tista' tissalda l-kontijiet ta' haddiehor kif previst mill-Artikolu 1148 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Il-Qorti tapprezza u tifhem dak li xehed Joseph Cini li "jiena sakemm ic-cekkijiet kienu jissarrfu u la darba l-avukat Ellis qatt ma gibidli l-attenzjoni fuq min nohrog l-ircevuti u l-invoices, ma kienx jinteressani daqstant il-flus minn fejn kienu jigu" (fol. 86). L-istess jinghad ghar-ricevuta wahda li tinsab fl-atti (fol. 47) u li nharget f'isem il-kumpannija konvenuta[2]. Sfortunatament ta' sikwit tinqala' din il-kwistjoni f'kaz ta' provvista ta' merkanzija. Gialdarba l-provi jindikaw li l-ftehim originali sar mal-konvenut, il-piz tal-prova li kien qieghed jiftiehem ghan-nom ta' haddiehor kien fuq l-istess konvenut. Kif gie osservat, "Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn huma mhux daqshekk ovvji, fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jipprezumi li persuna li qeda tikkuntratta kienet hekk qeda taghmel f'isimha proprio." [Lawrence Formosa et nomine vs Silvio Felice deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999]. Fuq l-invoices li gew prezentati m'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-merkanzija giet konsenjata u accettata minn xi kumpannija kif qieghed jallega l-konvenut. Fuq dawn id-dokumenti hemm il-firem tan-nies li kienu jircievu l-merkanzija[3], u fuq ebda wiehed minnhom ma jirrizulta li hemm xi kumment li qeghdin jircievu l-merkanzija ghan-nom ta' kumpannija. Lanqas ma rrizulta mill-provi li meta kienet issir l-ordni (u kien hemm drabi meta l-konvenut ghamel l-ordni)

---

[2] Il-Qorti tirrileva li mill-atti jirrizulta li dan il-hlas sar permezz ta' cekk numru 194 datat 23 ta' Awwissu 1994 mahrug ukoll minn Scarlet Co Limited (fol. 41).
[3] Ara wkoll affidavit ta' Joseph Cini a fol. 85-86.

ghall-konsenja tal-merkanzija, kien jinghad minn min qed jaghmel l-ordni li din qeghda ssir ghan-nom tal-kumpannija Scarlet Co Limited.

3. Fadal x'tigi kkunsidrata l-eccezzjoni fil-meritu (il-konvenut irrinunzja ghat-tieni eccezzjoni fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2007). Dawn huma ndikati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Il-konvenut isostni li t-tigieg kien ta' grad inferjuri u mhux tal-kwalita' pattwita. Kemm il-konvenut u huh Anton Ellis xehedu li kien hemm konsenji ta' tigieg li:-

(a) Kellhom piz inqas minn dak pattwit jew ikun ta' piz ikbar minn dak pattwit;
(b) Kienu difettuzi, fis-sens li kienu jintnu u hodor minn gewwa.

Min-naha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta attrici (Joseph Cini) ikkonferma li kien hemm drabi li kien hemm xi merkanzija li ntbaghatet lura. Dan huwa rifless ukoll f'uhud mill-invoices. Fil-fatt anke fl-istatement (fol. 3-10) jidher indikat bhala credit favur il-klijent dak li kien qieghed jitnaqqas mill-kont. Jirrizulta mill-invoices u l-istatement li kien f'okkazzjoni wahda li jidher li l-klijent ma nghatax credit ghal xi merkanzija li ntbaghtet lura (Dok. JC2 a fol. 95), u l-Qorti ser tikkunsidra dan il-fatt fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza[4].

Pero' s-socjeta attrici tikkontesta l-allegazzjoni li t-tigieg kien diffettuz u anzi Joseph Cini qal li l-problemi li kienu qeghdin jinqalghu kien minhabba storage hazin tal-merkanzija min-naha tal-klijent. Kif sewwa nghad fil-kawza fl-ismijiet Raymond Cassar vs Joseph Psaila deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fil- 31 ta` Jannar, 2003, "mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fiha ma

---

[4] Kuntrajrament ghal dak li qal il-kovenut fl-affidavit tieghu (prezentat fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2007), dak li gie ritornat mill-invoice Dok. JC20 (fol. 113) tnaqqas mis-socjeta attrici (ara statement a fol. 92) ghalkemm hemm zball fid-data.
[5] Onor. Imhallef Philip Sciberras.

tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola in dubio pro reo. Fi kwistjoni ta` kredibilita` u apprezzament ta` provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemininx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja”. Il-fatt li kien hemm xi okkazzjonijiet li ntbaghatet xi merkanzija lura lis-socjeta attrici, ma jfissirx b’daqshekk li l-hlas li qieghed jintalab jirreferi ghall-merkanzija difettuza. Li ma tifhimx il-Qorti hu, jekk kif ighid il-konvenut kienet qeghda tigi konsenjata merkanzija difettuza, kif baqa’ jinqeda bis-servizzi tas-socjeta attrici ? Il-fatt li l-konvenut u l-familja tieghu kienu ilhom is-snin jafu lil Joseph Cini u hbieb tieghu ma tistax tiggustifika dan, mehud in konsiderazzjoni li l-merkanzija kienet qeghda tintuza ghan-negozju u mill-invoices u statements ezebiti jidher bic-car li l-konsenji kienu qeghdin isiru fuq bazi regolari hafna u ghall-ammont mhux zghar. Inoltre, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar kemm mill-ammont meritu ta’ dawn il-proceduri jinkludi fih merkanzija li ma kienx sodisfatt biha. Ma tressqu l-ebda provi dwar l-ammont ta’ merkanzija li l-konvenut jallega li kellha piz iktar milli suppost jew piz inqas jew li kienet difettuza. Sahnasitra, mill-istatement (fol. 94) jirrizulta li f’perjodu bejn Lulju 1995 u Settembru 1995, is-socjeta attrici rceviet hlas akkont ta’ xejn inqas minn elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200) permezz ta’ erbgha (4) pagamenti (Lulju 1995 – Lm500; Awwissu 1995 – Lm500; Settembru 1995 – Lm500; u Novembru 1995 – Lm700). Wiehed kien jippretendi li jekk kien hemm dawn il-problemi kollha li semma l-konvenut u huh, il-pagamenti ma kienux jibqghu isiru sa l-ahhar f’ammont sostanzjali. Fil-fatt jirrizulta li minn Novembru 1995, kienu ftit hafna l-konsenji li saru u ghall-ammonti zghar. Madankollu f’Jannar 1996 sar pagament iehor ta’ sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650). L-ahhar pagament imbaghad sar fid-19 ta’ Frar 1996 fl-ammont ta’ mija u erbghin lira

Maltija (Lm140). Il-konvenut naqas milli jaghti spjega ta’ kif baqghu jsiru dawn il-hlasijiet meta kien hemm dawn il-problemi kollha. Irid jissemma wkoll kif Anthony Ellis xehed li “….nghid illi ahna konna qed insiru nafu illi t-tigieg jinten, wara illi nkunu tajna l-prodott lill-klijent” (seduta tal-25/4/2007). Fl-istess seduta waqt il-kontro-ezami qal, “ahna kif issirilna d-delivery, konna nqattghu t-tigieg u npogguh fil-freezer”. Il-Qorti ma tifhimx kif allura dan ix-xhud qal li kienu qeghdin jindunaw li t-tigieg jinten wara li jbieghu l-prodott lill-klijent. Inoltre, lanqas ma jirrizulta li qatt intbaghatet xi ittra interpellatorja fejn is-socjeta attrici nghatat avviz formali dwar l-ilmenti li kellu l-konvenut u l-problemi kollha li jghid li kellhom il-kunsinji li taghmel is-socjeta attrici[6]. Haga li wiehed jistenna li l-konvenut kien jaghmel iktar u iktar meta wiehed iqies li l-konvenut huwa avukat prattikanti li jaf x’diffikultajiet wiehed jiltaqa’ maghhom f’proceduri gudizzjarji u li fuqu jinkombi l-oneru tal-prova ta’ dak li qieghed jallega. Fatti li ghall-Qorti kollha jkomplu jsahhu l-fehma taghha li l-verzjoni tal-konvenut m’hijiex verosimili.

Dwar l-ammont li qieghed jintalab, l-attur ikkonferma li s-somma dovuta hi ta’ sitt mija u tmintax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm618.60). Min-naha tieghu l-konvenut meta xehed fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2007 iddikjara:-

“Jiena nikkonferma, illi sal-gurnata tal-lum, ghadni qatt ma ghamilt ezercizzju fejn rajt l-istatements illi baghtitilna l-kumpannija attrici, u ghamilt paragun mal-pagamenti illi stajna ghamilna ahna.

Ghalhekk jiena ma jiniex f’posizzjoni illi nghid jekk hallasniex l-ammont kollu jew fadalx xi bilanc. Jiena dan l-ezercizzju xtaqt illi ghamiltu. Fil-fatt Anthony Bezzina kien lili ghaddieli folder fejn

---

[6] *“Bil-miktub jiena qatt ma ghamiltx xejn. Dejjem bil-kelma li ghamilt”* (Anthony Ellis fis-seduta tal-25 ta’ April 2007).

> fihom kellna l-invoices kollha illi nhargu minn naha tal-kumpannija attrici. Sfortunatament dan il-folder tliftu, tellajtu kemm-il darba mieghi l-Qorti, pero' llum il-gurnata ma nista' nsibu b'xejn".
>
> Fic-cirkostanzi, l-uniku prova li ghandha l-Qorti hi dik tas-socjeta attrici li m'hijiex kontradetta.
>
> Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bl-imghax kif mitlub.
>
> Spejjez huma a karigu tal-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravji f' din l-ordni:-

(1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. F' dan il-kuntest isostni li fuq il-bazi tal-provi prodotti u tal-valutazzjoni u kredibilita` taghhom s-socjeta` attrici ma kellha ebda pretest biex tharrek lilu personalment u mhux ukoll lis-socjeta` Scarlet Company Limited;

(2) L-ewwel Qorti lanqas ma ghamlet sew illi waslet ghal konkluzjonijiet taghha mhux in bazi ghal provi prodotti izda b' ragonament spekulativ. Huwa jikkontendi dan bis-sottomissjoni illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-Qorti, kienu saru lmenti ripetuti dwar il-kwalita skarsa tat-tigieg komprati minghand is-socjeta` attrici, kif ukoll tad-differenzi fil-piz taghhom u sovrafatturazzjoni;

(3) Mhux gust li gie akkollat ihallas l-imghaxijiet meta l-kawza twalet l-aktar minhabba dewmien da parti tas-socjeta` attrici biex tikkonkludi l-provi;

Mill-ewwel zewg aggravji premessi huwa evidenti illi l-ilmenti ta' l-appellanti jikkoncentraw ruhhom l-aktar minn

kritika tal-valutazzoni tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti, anke jekk, naturalment, il-kwestjoni involuta tippartecipa wkoll minn konsiderazzjonijiet ta’ dritt, kemm procedurali kif ukoll sostantivi;

Certament, hemm qbil li l-kontroversja bejn il-kontendenti hi essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta’ l-istess partijiet. Ma ghandux jintnesa, pero`, illi dik il-valutazzoni hi processwalment rizervata lil poter diskrezzjonali tal-Qorti adita fil-mertu, in bazi ghall-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` ta’ whud invece ta’ ohrajn, komprizi dawk tac-cirkustanzi l-ohra kollha tal-kaz li l-Qorti tqis l-aktar idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha. Attiz allura l-principju wisq konkordi illi din il-Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx, hlief f’ kazijiet eccezzjonali u ghall-motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti (ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 104; Vol. XXXII P I p 17 u Vol. XXXVIII P I p 230**, fost hafna ohrajn), jinkombi dejjem fuq l-appellanti li jiddemostra l-inkongruwenza u l-illogicita` tal-motizazzjoni in bazi ghall-kumpless tal-provi utilizzati mill-Qorti ta’ l-ewwel grad;

Dan premess, tajjeb li jigi sottolinejat b’ introduzzjoni ghall-ewwel aggravju, u li permezz tieghu l-appellanti jittanta jsostni l-eccezzjoni formali tieghu li ma kellux ikun il-*vocatio in ius* maghzul mis-socjeta` attrici, illi l-appellanti htieglu jiddemostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu personalment ma kien dahal f’ ebda rapport negozjali mal-kumpanija attrici ghax il-kontrattazzjoni saret ma’ kumpanija tieghu li taghha hu kien ir-rapprezentant jew mandatarju. (Ara “**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru, 1999). Mhux dan biss pero`. Huwa kellu jipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju s-socjeta` attrici, li maghha gew pjazzati l-ordnijiet, kienet a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet maghha u min maghha kkonkluda n-negozju kien qieghed f’ dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu.

"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f' dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellhu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f' ismu imma f' isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f' dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta" ("**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***", Appell, 3 ta' Dicembru, 1999);

B' dawn l-enuncjazzjonijiet quddiemha jkollu jinghad fuq ir-ri-ezami minn din il-Qorti tal-provi fil-kwadru unitarju taghhom illi l-appellanti naqas milli jgib prova perswasiva illi s-socjeta` attrici appellata kienet konsapevoli illi n-negozju tal-kompravendita tat-tigieg kien qed isir mas-socjeta` Scarlet Company Limited. Jirrizulta fuq id-dikjarazzjoni tax-xhud Anthony Ellis, hu l-konvenut, illi huma u Joseph Cini ghas-socjeta` attrici kienu midhla ta' xulxin fuq bazi personali (ara deposizzjoni tieghu a fol. 138 *et sequitur*). Hekk ukoll jirrizulta mistqarr mill-konvenut innifsu (fol. 162) illi hu ma kienx jiftakar jekk dakinhar tan-negozju originali qaghadx isemmi l-kumpanija tieghu. Jinghad biss illi l-imsemmi Joseph Cini ma setax ma kienx jaf bl-ezistenza tal-kumpanija ghaliex il-hlasijiet kienu jsiru bic-cekkijiet ta' din il-kumpanija u s-socjeta` attrici sahansitra harget ricevuti lil din il-kumpanija. Incidentalment, kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, l-atti juru li kien hemm ricevuta wahda biss (esebita a fol. 47) li nharget mis-socjeta` attrici b' isem il-kumpanija. Dwarha, l-ewwel Qorti pprovdiet ragonament plawsibbli li maghha din il-Qorti tikkonkorda. Mill-kumplament, l-ohrajn huma intestati "Southern Fried Chicken", kif hekk ukoll huma l-*invoices* kollha emessi mis-socjeta` attrici, debitament iffirmati minn min kien jirievi l-konsenja tat-tigieg;

Minn dan s' issa indikat, ikollu jinghad b' ripetizzjoni ta' dak statwit mill-Qorti ta' l-Appell in re: "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri *et***", 25 ta'

Mejju, 2001, illi "l-prova dokumentarja allura kienet pjenament tiggustifika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi msahha mill-affermazzjoni guramentata ta' l-istess attur illi sal-mument meta pprezenta c-citazzjoni, hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju fejn gie konsenjat ix-xoghol bl-isem ta' xi socjeta`". Naturalment, kien mistenni illi l-appellanti jobbjetta, kif hekk fil-fatt ghamel, illi la l-hlasijiet saru bic-cekkijiet tal-kumpanija, is-socjeta` attrici kellha gharfien illi l-ordnijiet kienu qed isiru mill-kumpanija u mhux minnu personalment. Anke jekk dan talvolta u f' dati cirkustanzi specifici jista' jkun korroborattiv illi dak il-hlas kien qed isir effettivament mid-debitur li assuma l-obbligu fin-negozju, dan mhux bilfors li hu hekk dejjem, kemm meta din tigi valutata fil-qafas komplessiv tal-provi l-ohra istruttorji, kemm ghaliex, kif saput, l-adempiment tal-hlas jista' jsir ukoll minn terz u, fi kwalunkwe kaz, il-kreditur ma jistax jirrifjuta l-hlas li joffrilu t-terz, jekk dak il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur. Ara Artikoli 1148 (1) u (2) u 1149 (1), Kodici Civili; "**Emanuele Caruana -vs- Avv. Dr. Giovanni Bonello *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Jannar 1965;

Manifestament, minn dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellanti ma ghandux ragun f' dak l-assunt tieghu kostitwit mill-ewwel aggravju. Anzi l-Qorti zzid illi l-kwestjoni - wahda ta' negozju semplici ta' kompravendita - giet appezantita u mtawla b' kontestazzjoni irrigidita ta' l-identifikazzjoni tal-persuna kompratrici, meta dak li kellu jigi stabbilit kien jekk il-prezz tat-tigieg ikkonsenjati giex sodisfatt, u jekk le, ghaliex;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tat-tieni lment sottopost. Jibda biex jinghad illi ma jistax ikun disputat illi l-inadegwatezza jew in-nuqqas ta' bonta` tal-prodott ikkonsenjat tillegittima l-ezercizzju ta' dik it-tutela kontrattwali li l-istitut tal-bejgh jindividwa f' termini ta' garanzija ghad-difetti latenti jew ta' mankanza tal-kwalita. Maghdud dan, analisi konkreta tal-provi attendibbli ma twassal ghall-ebda wahda minn dawn. Jew ghallanqas l-

asserzjoni dwarhom mill-appellanti hi kontro-pezata mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici. Huwa veru li kien hemm okkazjonijiet fejn saru "*complaints*" u t-tigieg gew rikonsenjati lura ghax dan hu wkoll ammess mis-socjeta` attrici appellata, izda meta sar dan, il-konvenut ma giex, imbaghad, addebitat bil-prezz taghhom. Ukoll, jekk wiehed jaccetta l-ispjegazzjoni fornita mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, u din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddubita minnha, ghax hi wkoll spjegazzjoni possibbli u verosimili, illi, avvenuta l-konsenja, it-tigieg ma kienux qed jigu pprezervati kif suppost. Tant hu hekk illi biex jiskansa li jkollu aktar ilmenti, hu avza lill-konvenut illi ma kienx ser jibqa' jikkonsenjalu tigieg friski izda biss tigieg iffrizati. Ara xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Cili *a* fol. 142 *et sequitur* tal-process. Similment, l-istess xhud jichad kategorikament illi kien hemm mankanzi anke fil-fornitura tat-tigieg iffrizati jew ta' xi avariji fil-piz taghhom. Anke allura dan it-tieni aggravju qed jitqies insostenibbli;

Kwantu ghall-ahhar obbjezzjoni, l-argoment dedott mill-appellanti ma ghandu ebda fondament. L-interessi akkollati ma ghandhomx rabta mad-dewmien tal-proceduri imma kollegament mad-dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ossija tal-pagament tal-kreditu dovut. Huma ghalhekk meqjusa bhala tip ta' obbligazzjoni pekunarja li ghall-accessorjeta taghhom, jaggungu ruhhom ma' obbligazzjoni pekunjarja ta' natura kapitali in kwantu intizi biex jaghmlu tajjeb ghat-telf ta' l-utilita` tal-kapital li baqa' fil-patrimonju tad-debitur. Del resto d-debitu hawnhekk hu ta' indoli kummercjali dwar liema jiskatta d-dispost ta' l-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili fejn dan jiffissa d-*dies a quo* taghhom "minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita".

Ghal motivi kollha hawn fuq espressi, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------